**Qomt minn bejn l-imwiet**

Is-sliem għalik Ġesù tagħna
Int li qomt l-imwiet,
Il-qawmien tiegħek għall-ħajja
Imliena b'ħafna barkiet.

It-tbissima ħelwa tiegħek
Stedina għall-umiltà,
Jekk irridu jkollna l-paċi
Ngħaqqduha mal-karità.

Bir-rebħa tiegħek fuq il-mewt
Int għallimtna inħobbuk,
Għax jekk nibqgħu mwaħħlin miegħek
Qatt ma nistgħu nitilfuk.

Wara ħajjitna qasira
Hawn fl-art hemm l-eternità,
O Ġesù imlina dejjem
Bl-imbierka sempliċità.

U kif kollox għad jispiċċa
Jibqa' biss dak għemilna,
Li fih nuru inħobbukx jew
Għamilniex li jaqblilna.

O Mulej bil-qamwien tiegħek
Ressaqna lejn dik qalbek,
Kollha ħniena, kollha mħabba
Tersaq lejha kemm tfarrġek.

Imxi magħna tul ħajjitna
Begħedna mill-jasar tad-dnub,
Qaddisna b'kollox o Ħuna
Int fejqan tal-ġisem u r-ruħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
20 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.